VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,633, 2 ta' Settembru, 2016
Taqsima B

A.L. 291 tal-2016

ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI (ĊERTIFIKATI TA' OPERATURI TAL-AJRU) (KAP. 218)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Ċertifikati ta' Operaturi tal-Ajru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 11 u 12 tal-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi tal-Ajru), il-Ministru għat-Turiżmu, bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi,, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hi r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Ċertifikati ta' Operaturi tal-Ajru, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Drittijiet għal Ċertifikati ta' Operaturi tal-Ajru, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 218.01

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-drittijiet stabbiliti fl-Iskeda għandhom ikunu pagabbli minn applikant lid-Direttur għal:

(a) l-għoti ta' ċertifikat ta' operatur tal-ajru;

(b) il-varjazzjoni taċ-ċertifikat ta' operatur;

(ċ) is-sorveljanza tal-operazzjonijiet tad-detentur taċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru.".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu 2.6 tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"3. Imposti għas-sorveljanza tal-operazzjonijiet tad-detentur ta' ċertifikat ta' operatur tal-ajru.

Id-Direttur għandu jimponi d-dritt ta' sorveljanza li ġej fuq bażi annwali mill-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru għas-sorveljanza mid-Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili tal-operazzjonijiet tad-detentur taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru, skont il-piż massimu totali awtorizzat tal-inġenju tal-ajru l-aktar tqil elenkat fiċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru skont kif ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

	Dritt ta' Sorveljanza Annwali
jekk l-inġenju tal-ajru bl-itqal piż totali massimu awtorizzat ma jaqbiżx 1,500 kg	€349.41
jekk l-inġenju tal-ajru bl-itqal piż totali massimu awtorizzat jaqbeż 1,500 kg iżda ma jaqbiżx 4,000 kg	€582.34
jekk l-inġenju tal-ajru bl-itqal piż totali massimu awtorizzat jaqbeż 4,000 kg iżda ma jaqbiżx 15,000 kg	€5,823.43
jekk l-inġenju tal-ajru bl-itqal piż totali massimu awtorizzat jaqbeż 15,000 kg iżda ma jaqbiżx 50,000 kg	€11,646.87
jekk l-inġenju tal-ajru bl-itqal piż totali massimu awtorizzat jaqbeż 50,000 kg	€23,293.73

".